# PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**Imhallef:**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D**

**Rik. Kost. 14/01 VDG**

**Illum, 15 ta' Frar, 2002**

**Michael Anthony Henley**

**v.**

**Il-Prim Ministru u l-Ministru ta' l-Intern, id-Direttur tac-Cittadinanza u ta' l-"Expatriates", Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.**

Il-Qorti:

**<u>IR-RIKORS</u>**

Rat ir-rikors prezentat min Michael Anthony Henley fil-11 ta' Mejju, 2001, li jghid hekk:

“1. Illi l-esponent huwa cittadin tar-Renju Unit u twieled fit-13 ta’ Settembru, 1948, gewwa Coventry fir-Renju Unit, iben Stanley James Henley, cittadin tar-Renju Unit u Rose Mary Henley, gia Cordina, **cittadina Maltija**, kif jidher ahjar mill-anness certifikat tat-twelid ta’ l-esponent immarkat Dokument “A” u mill-anness certifikat taz-zwieg tal-genituri ta l-esponent immarkat Dokument “B”, u mill-anness certifikat tat-twelid ta’ omm ir-rikorrenti immarkat Dokument “C”;

“2. Illi dan l-ahhar, l-esponent irregola ruhu dwar il-possibilita` li jottjeni cittadinanza Maltija mad-Dipartiment koncernat, izda sab li ma jikkwalifikax biex jottjeni c-cittadinanza Maltija u l-liberta` ta’ moviment gewwa Malta ghal dawn ir-ragunijiet:

“3. Illi taht it-Taqsima ta’ l-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kap 188) intitolata “Cittadinanza Miksuba fil-Gurnata Stabbilita u b’Registrazzjoni minn Certi Persuni Ohra”, l-Artikolu 3 sub-inciz (2) jipprovdi li “Kull min, imwieled barra minn Malta, kien fil-gurnata qabel il-gurnata stabbilita cittadin tar-Renju Unit u Kolonji ghandu, **jekk missieru ikun sar**, jew li ma kienx ghal-mewt tieghu kien isir, cittadin ta’ Malta skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu, **jitqies li jkun sar cittadin ta’ Malta fil-gurnata stabbilita**”;

“Illi s-sub-inciz (1) ta’ l-istess artikolu jipprovdi li “Kull min, imwieled f’Malta, kien fil-gurnata qabel il-gurnata stabbilita cittadin tar-Renju Unit u Kolonji, ghandu jitqies li kiseb ic-cittadinanza Maltija fil-gurnata stabbilita…”;

“4. Illi l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jipprovdi li “Ebda cittadin ta’ Malta ma ghandu jigi pprivat mil-liberta` tieghu ta’ moviment u ghall-fini ta’ dan l-artikolu din il-liberta` tfisser id-dritt ta’ moviment liberu gewwa Malta, id-dritt li jirrisjedi f’kull parti ta’ Malta, id-dritt li johrog minn Malta u d-dritt li jidhol Malta”;

“5. Illi jirrizulta car u inekwivoku li l-Artiklu 3 subinciz (2) tal-Kap 188 ma jsemmix il-kaz ta’ persuna imwielda barra minn Malta, li fil-gurnata qabel il-gurnata stabbilita kienet cittadin tar-Renju Unit u Kolonji u li pero’ **ommha biss** tkun saret cittadin ta’ Malta fil-gurnata stabbilita a tenur tas-subinciz (1) ta’ l-artikolu 3;

"Illi r-rikorrent huwa skwalifikat milli jotjeni c-cittadinanza Maltija u l-liberta' ta' moviment proprju billi ommu biss ghandha cittadinanza Maltija;

"Illi ricentement inbdew proceduri mill-awtoritajiet tal-Pulizija biex ir-rikorrent jigi deportat jew b'xi mod ikun espuls minn Malta;

"6. Illi d-disposizzjonijiet ta' L-Artikoli 3(2) tal-Kap 188 jikkostitwixxu ksur tad-dritt fondamentali tal-liberta' ta' moviment tar-rikorrent a tenur ta' l-Artiklu 44(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll trattament inuman u degradanti fil-konfront ta' l-esponent a tenur ta' l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif ukoll diskriminazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 45 subinciz (1), (2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

"7. Illi di piu`, taht it-Taqsima II ta' l-istess Att intitolata "Ksib ta' Cittadinanza Bi Twelid Jew Dixxendenza", l-Artiklu 5 sub-inciz (2) jipprovdi li "Min jitwieled barra minn Malta fi jew wara l-gurnata stabbilita jitqies li jkun sar jew isir cittadin ta' Malta fil-gurnata tat-twelid tieghu:

(a) fil-kaz ta' persuna mwielda fi jew qabel il-31 ta' Lulju, 1989, jekk fil-gurnata tat-twelid ta' dik il-persuna, missierha kien cittadin ta' Malta b'mod iehor milli bis-sahha ta' dan is-subartikolu jew tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 3 ta' dan l-Att;

Izda persuna mwielda fi jew qabel il-31 ta' Lulju, 1989, u [**<u>recte</u>:** li] fil-gurnata tat-twelid taghha ommha tkun cittadin ta' Malta b'mod iehor milli bis-sahha ta' dan is-subartikolu jew tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 3 ta' dan l-att ikollha d-dritt, wara li taghmel applikazzjoni b'dak il-mod li jista' jigi preskritt u wara li tiehu l-gurament ta' lealta`, tkun registrata bhala cittadin ta' Malta; u

(b) fil-kaz ta' persuna mwielda fi jew wara l-1 ta' Awissu, 1989, jekk fil-gurnata tat-twelid ta' dik il-persuna, missierha jkun jew ommha tkun

cittadin ta' Malta b'mod iehor milli bis-sahha ta' dan is-subartikolu jew tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 3 ta' dan l-Att".

"8. Illi ghalhekk jirrizulta li filwaqt li persuna mwielda **qabel** il-gurnata stabbilita, barra minn Malta, minn omm Maltija ma tikkwalifikax ghac-cittadinanza u ghal-liberta` ta' moviment, min-naha l-ohra, persuna mwielda **wara** l-gurnata stabbilita, barra minn Malta, minn omm Maltija, tista' tirregistra ghac-cittadinanza Maltija u tikseb ukoll il-liberta` ta' moviment.

"9. Illi billi r-rikorrent, ghalkemm ommu ghandha cittadinanza Maltija, twieled **qabel** il-gurnata stabbilita huwa ma jistax jikkwalifika ghac-cittadinanza Maltija (u jgawdi liberta` ta' moviment) taht l-Artikolu 5(2)(a) tal-Kap 188;

"10. Illi ghalhekk l-Artikolu 5(2) tal-Kap. 188 ukoll jikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali tal-liberta` ta' moviment tar-rikorrent a tenur ta' l-artikolu 44(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll trattament inuman u degradanti fil-konfront tieghu a tenur ta' l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll diskriminazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 45 subinciz(1), (2) u (3) tal-Kostituzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

"Ghaldaqastant l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawn [**recte:** dawk] id-direttivi u ordnijiet biex tizgura t-twettiq tad-drittijiet kontemplati fl-Artikoli 44(1), 36(1) u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, fosthom li tinibixxi immedjatament lill-intimati milli jezegwixxu l-minaccja li jibghatu lir-rikorrent minn Malta. Bl-ispejjez.";

## IR-RISPOSTA

Rat ir-risposta tal-intimati tas-17 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha wiegbu hekk:

“Illi r-rikorrent twieled fit-13 ta’ Settembru 1948 fl-Ingilterra – u cioe’ barra minn Malta qabel il-gurnata stabbilita minn omm imwielda Malta u missier imwieled barra minn Malta.

“Illi fil-gurnata stabbilita u cioe` fil-21 ta’ Settembru 1964, il-Kostituzzjoni ta’ Malta kienet tipprovdi illi dawk biss imwieldin barra minn Malta minn missier imwieled Malta u cittadin tar-Renju Unit u Kolonji, kienu jsiru cittadini ta’ Malta fil-gurnata stabbilita. Dan l-provvediment tal-Kostituzzjoni li ghandha tinqara u tigi interpretata fl-intier taghha ma jistax jitqies illi jikser xi disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni kif vigenti dak iz-zmien u kif ghadha tapplika sal-lum; u ghalhekk ma jistax jitqies illi dak il-provvediment kif vigenti fil-gurnata stabbilita seta’ jew jista’ jikser xi disposizzjoni ta’ l-artikoli 44, 36, u 45 tal-Kostituzzjoni;

“Illi l-artikolu 3(2) tal-Kap. 118 [**<u>recte</u>:** 188] semplicement jirrapporta l-fatt storiku ta x’gara fil-gurnata stabbilita (21 Settembru 1964) skond il-Kostituzzjoni ta’ dak iz-zmien u ghalhekk ma jistax jitqies illi hu fi [**<u>recte</u>:** bi] ksur tal-Kostituzzjoni ghaliex il-Kostituzzjoni ma kienetx u ma tista’ qatt tkun fi ksur tal-Kostituzzjoni la fl-1964 u l-anqas illum;

“Illi l-artikolu 5(2) tal-kap. 118 jitkellem dwar persuni mwielda wara l-21 ta’ settembru 1964 u ghalhekk ma jista’ qatt japplika ghar-rikorrent;

“Illi l-ksib tac-cittadinanza mhux wiehed mid-drittijiet fondamentali elenkat fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni;

“Illi l-impozizzjoni ta’ kriterji oggettivi u storici ghal akkwist tac-cittadinanza ma jikkostitwux diskriminazzjoni – biex tghid mod iehor trid tghid li l-ligi ghandha u kellha taghti c-cittadinanza maltija lil kull persuna twieldet fejn twieldet u huma min huma l-genituri taghha – ovvjamnet it-territorju ta’ l-istat Malti hu zghir wisq biex jakkomoda l-umanita’ kollha;

“Illi l-Artikolu 44 ma japplikax ghal persuni li mhux cittadini ta’ Malta jew xort’ohra ghar-rikorrent u biex jinvokah ir-rikorrent irid qabel xejn juri illi hu wiehed mill-persuni li ghalih japplika dak l-artikolu jew li ghandu dritt kostituzzjonali jkun wiehed minn dawk il-persuni;

"Illi l-fatt illi persuna cittadin ta' pajjiz ma jkollux id-dritt tac-cittadinanza ta' pajjiz iehor qatt ma jista' logikament jitqies illi hu trattament inuman la skond l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-anqas taht l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea kif maghmul parti mill-ligijiet ta' Malta skond il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Illi l-Artikolu 14 ta' l-istess Konvenzjoni jitkellem biss dwar diskriminazzjoni fit-twettiq tad-drittijiet l-ohra enuncjati fl-artikoli l-ohra tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent indika biss l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni li kif intqal qabel ma japplikax, l-Artikoli 36 u 44 tal-Kostituzzjoni mhumiex parti mill-Konvenzjoni Ewropea;

"Ghaldaqstant l-esponent jissottometti [**recte:** l-esponenti jissottomettu] illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma fiergha u minghajr fondament fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess.";

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi, u b'mod partikolari fl-udjenza tas-26 ta' Settembru, 2001 meta saru t-trattazzjonijiet finali; ikkunsidrat:

## IL-FATTI

Dwar il-fatti, tista' tghid li ma hemmx kontestatzzjoni bejn il-partijiet; u effettivament fl-udjenza tal-21 ta' Gunju, 2001 il-partijiet qablu li l-fatti huma kif esposti fir-rikors promotur u kif jirrisultaw mic-certifikati ezibiti. Ir-rikorrent twieled fit-13 ta' Settembru, 1948, f'Coventry, Ingilterra. Missieru – Stanley James Henley – kien cittadin tar-Renju Unit[1], pero` ommu – Rosina jew Mary Rose – kienet cittadina Maltija, imwielda f'Malta minn genituri Maltin li wkoll twieldu f'Malta. Skond il-ligi vigenti f'pajjizna r-rikorrent ma jistax jikseb ic-cittadinanza Maltija u kwindi anqas jista' jkollu l-liberta` ta' moviment naxxenti mill-Artikolu 44(1) tal-Kostituzzjoni. Bazikament ir-rikorrent qed jghid li zewg disposizzjonijiet tal-ligi fl-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kap. 188) jiksru diversi drittijiet

[1] Hu evidenti li l-estratt mill-att taz-zwieg tal-gennituri tar-rikorrent, li fotokopja tieghu giet ezibita mar-rikors (fol. 7), u kopja formali tinsab annessa man-nota tar-rikorrent tas-7 ta' Settembru, 2001 (fol. 62), fih zball f'dik il-parti fejn jindika l-post tat-twelid ta' Stanley James bhala "Birmingham Malta".

fondamentali tieghu. Iz-zewg disposizzjonijiet in kwistjoni huma l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5(2), dejjem tal-imsemmi Kap. 188. L-**Artikolu 3(2)** jipprovdi hekk:

*3(2): Kull min, imwieled barra minn Malta, kien fil-gurnata qabel il-gurnata stabbilita*[2] *cittadin tar-Renju Unit u Kolonji ghandu, jekk missieru jkun sar, jew li ma kienx ghall-mewt tieghu kien isir, cittadin ta' Malta skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)*[3] *ta' dan l-artikolu, jitqies li jkun sar cittadin ta' Malta fil-gurnata stabbilita.* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-partijiet jaqblu li missier ir-rikorrent ma kienx jikkwalifika ghac-cittadinanza Maltija taht is-subartikolu (1) tal-Artikolu 3. Omm ir-rikorrenti (Rosina), pero`, kienet hekk tikkwalifika peress li din twieldet f'Malta, kienet "a citizen of the United Kingdom and Colonies" fil-gurnata qabel il-21 ta' Settembru, 1964, u z-zewg genituri taghha kienu twieldu f'Malta. L-**Artikolu 5(2)** jipprovdi hekk:

*5(2): Min jitwieled barra minn Malta fi jew wara l-gurnata stabbilita jitqies li jkun sar jew isir cittadin ta' Malta fil-gurnata tat-twelid tieghu: (**a**) fil-kaz ta' persuna mwielda fi jew qabel il-31 ta' Lulju, 1989, jekk fil-gurnata tat-twelid ta' dik il-persuna, missierha kien cittadin ta' Malta b'mod iehor milli bis-sahha ta' dan is-subartikolu jew tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att: Izda persuna mwielda fi jew qabel il-31 ta' Lulju, 1989, li fil-gurnata tat-twelid taghha ommha tkun cittadin ta' Malta b'mod iehor milli bis-sahha ta' dan is-subartikolu jew tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att ikollha d-dritt, wara li taghmel applikazzjoni b'dak il-mod li jista' jigi preskritt u wara li tiehu l-gurament ta' lealta`, tkun registrata bhala cittadin ta' Malta; u (**b**) fil-kaz ta' persuna mwielda fi jew wara l-1 ta' Awissu, 1989, jekk fil-gurnata tat-twelid ta' din il-persuna, missierha jkun jew ommha tkun cittadin ta' Malta b'mod iehor milli bis-sahha ta' dan is-subartikolu jew tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att.* (sottolinear tal-Qorti).

Fi kliem iehor, kemm l-Artikolu 3(2) kif ukoll l-Artikolu 5(2) jipprovdu fir-rigward ta' nies imwielda barra minn Malta, bid-differenza, pero`, li l-Artikolu 3(2) jirreferi

---

[2] 21 ta' Settembru, 1964 – ara Artikolu 2(1) tal-Kap. 188 u Artikolu 124(1) tal-Kostituzzjoni.

[3] Is-subartikolu (1) jipprovdi li persuna imwielda f'Malta li, fil-gurnata qabel il-21 ta' Settembru, 1964, kienet cittadin tar-Renju Unit u Kolonji, u li ghall-anqas wiehed mill-genituri taghha kien imwieled f'Malta, saret awtomatikament cittadin Malti fil-21 ta' Settembru, 1964.

ghal min kien twieled f'xi zmien qabel il-21 ta' Settembru, 1964 (li ghall-konvenjenza ser tissejjah f'din is-sentenza il-Kategorija A), mentri l-Artikolu 5(2) jirreferi ghal min twieled jew proprju fil-21 ta' Settembru, 1964 jew wara din id-data (Kategorija B). Fil-kaz ta' dawk imweldin fi jew wara l-21 ta' Settembru, 1964 il-ligi terga' tiddistingwi bejn min twieled fi jew qabel il-31 ta' Lulju, 1989 (Kategorija B1) u min twieled fi jew wara l-1 ta' Awissu, 1989 (Kategorija B2). Kemm fil-kaz tal-Kategorija B1 kif ukoll fil-kaz tal-Kategorija B2 il-fatt li omm il-persuna in kwistjoni tkun cittadina Maltija jista' jkun relevanti ghall-ksib tac-cittadinanza Maltija minn dik il-persuna. Jinghad li c-cittadinanza ta' l-omm "tista'" tkun relevanti, ghax biex tkun relevanti din ic-cittadinanza tal-omm, bhac-cittadinanza tal-missier, trid tkun inkisbet b'mod iehor milli bis-sahha tal-Artikolu 5(2) jew tal-Artikolu 3(2). Ghalhekk, fil-kaz ta' persuna mwielda barra minn Malta fi jew wara l-21 ta' Settembru, 1964, din m'ghandhiex dritt awtomatiku ghac-cittadinanza Maltija minhabba s-semplici fatt li missierha jew ommha huma cittadini ta' Malta: ic-cittadinanza tal-omm jew tal-missier trid tkun inkisbet b'mod iehor milli bis-sahha tal-Artikoli 5(2) jew 3(2).

Issa, kif tajjeb osservaw l-intimati fir-risposta taghhom, ir-rikorrent ma jistax jilmenta li l-Artikolu 5(2) jilledi fih innifsu xi dritt fondamentali tieghu, u dan minhabba l-fatt, anagrafikament verifikabbli, li r-rikorrent twieled qabel il-21 ta' Settembru, 1964 (u precisament fit-13 ta' Settembru, 1948), b'mod li l-Artikolu 5(2) ma japplika b'ebda mod ghalih. L-aktar li jista' jaghmel ir-rikorrent bl-Artikolu 5(2) hu li juzah biex iqabbel il-mod kif il-ligi titratta lil min hu fil-Kategorija A ma' min hu fil-Katergorija B1 u/jew B2; imma certament ma jistax jghid li l-Artikolu 5(2) b'xi mod jilledi jew jista' jilledi xi dritt fondamentali tieghu. Ghalhekk huwa biss l-Artikolu 3(2) li ghandu jigi ezaminat minn din il-Qorti biex wiehed jara jekk hemmx xi lezjoni ta' xi dritt jew drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

**IL-KSUR ALLEGAT**

Ir-rikorrent qed jallega vjolazzjoni (***i***) tad-dritt fondamentali tal-liberta` ta' moviment tieghu u ghalhekk vjolazzjoni tal-Artikolu 44(1) tal-Kostituzzjoni; (***ii***) qed jallega trattament inuman u degradanti fil-konfront tieghu bi ksur tal-Artikoli 36(1) tal-Kostituzzjoni u 3 tal-Konvenzjoni Ewropea; kif ukoll qed jallega (***iii***) li qed issir diskriminazzjoni fil-konfront tieghu bi ksur tal-Artikoli 45(1), (2) u (3) tal-Kostituzzjoni u 14 tal-imsemmija Konvenzjoni. Id-diversi disposizzjonijiet u drittijiet ser jigu kkunsidrati *seriatim*.

**<u>LIBERTA` TA' MOVIMENT</u>**

L-Artikolu 44(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

*44(1): Ebda <u>cittadin ta' Malta</u> ma ghandu jigi pprivat mill-liberta` tieghu ta' moviment, u ghall-fini ta' dan l-artikolu din il-liberta` tfisser id-dritt ta' moviment liberu gewwa Malta, id-dritt li jirrisjedi f'kull parti ta' Malta, id-dritt li johrog minn Malta u d-dritt li jidhol Malta.* (sottolinear tal-Qorti).

Kif jidher car mill-kliem sottolineati, id-dritt ta' liberta` ta' moviment huwa moghti minn dana l-artikolu biss lil cittadini Maltin, li r-rikorrent *ex admissis* ma huwiex. Biex persuna tinvoka dana d-dritt trid tipprova jew li hi cittadin ta' Malta, jew, ghall-anqas, li ghandha dritt skond il-ligi (ordinarja jew xort' ohra) li ssir jew li titqies bhala cittadin ta' Malta (ez. skond l-Artikolu 44(4)(c) tal-Kostituzzjoni) u li l-awtoritajiet qeghdin, bi ksur ta' dik il-ligi, izommuha milli hekk issir jew qed jonqsu milli hekk iqisuha. Ebda allegazzjoni simili ma saret f'dan il-kaz, u ghalhekk wisq anqas ingabet xi prova f'dan ir-rigward. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, din il-Qorti kellha tiddeciedi li l-Artikolu 3(2) tal-Kap. 188 huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent, ir-rimedju mhux necessarjament ikun li r-rikorrent isir cittadin Malti jew li ghandu hekk jitqies mill-awtoritajiet. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-Artikolu 3(2) tal-Kap. 188 fih innifsu jilledi l-Artikolu 44(1) tal-Kostituzzjoni li qed jigi nvokat mir-rikorrent.

**<u>TRATTAMENT INUMAN U DEGRADANTI</u>**

L-Artikoli 36(1) tal-Kostituzzjoni u 3 tal-Konvenzjoni huma kwazi identici fl-portata u s-sinjifikat taghhom:

*36(1): Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

*3: Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

Frankament din il-Qorti tara li l-allegazzjoni li l-Artikolu 3(2) tal-Kap. 188 jammonta ghal xi trattament inuman jew degradanti hija wahda fieragh. Kullma jaghmel dana l-artikolu (jew, ahjar, dana s-subinciz) hu li jiddetermina l-kundizzjonijiet li tahthom persuna mwielda barra minn Malta qabel il-21 ta' Settembru, 1964 ghandha titqies li tkun saret cittadin ta' Malta fil-21 ta' Settembru, 1964. Kif gie ritenut mill-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-***Greek Case***,

*"The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable…Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience"* [4].

Ir-rikorrent anqas minimament ma pprova li l-applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 3(2) fil-kaz konkret tieghu ser tikkawza xi haga minn dak hawn aktar 'l fuq imsemmi. Il-Qorti tista' tifhem li r-rikorrent ma jiehux gost u jkun dizappuntat li ma jikkwalifikax ghac-cittadinanza Maltija, u li jkollu jhalli Malta, izda dan huwa *toto caelo* differenti minn trattament inuman u/jew degradanti. Din il-Qorti, fic-cirkostanzi, ma jihrilhiex li ghandha ghalfejn tghid aktar dwar dana l-ilment tar-rikorrent.

[4] 5 ta' Novembru, 1969 **Yearbook XII (1969)**, p. 186.

**DISKRIMINAZZJONI**

It-tielet allegazzjoni tar-rikorrent hi fis-sens li l-Artikolu 3(2) tal-Kap. 188 (wahdu jew meta moqri flimkien ma' l-Artikolu 5(2)) jilledi d-drittijiet tieghu kif protetti bl-Artikoli 45(1)(2)(3) tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni.

*45(1): Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu, ebda ligi ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett taghha.*

*45(2): Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta' dan l-artikolu, hadd ma ghandu jigi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-sahha ta' xi ligi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita` pubblika.*

*45(3): F'dan l-artikolu il-kelma "diskriminatorju" tfisser ghoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni <u>taghhom rispettiva</u> skond ir-<u>razza</u>, <u>post ta' origini</u>, <u>opinjonijiet politici</u>, <u>kulur</u>, <u>fid</u>i jew <u>sess</u> li minhabba fihom <u>persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn</u> ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li <u>persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn</u> ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil <u>persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn</u>.* (sottolinear tal-Qorti).

*14: It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet <u>kontemplati f'din il-Konvenzjoni</u> ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni <u>ghal kull raguni</u> bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor.* (sottolinear ukoll tal-Qorti).

Zewg differenzi li jemergu car bejn l-Artikolu 45 u l-Artikolu 14 huma dawn:

Filwaqt li l-Artikolu 45 jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-ligijiet in generali, fl-effetti taghhom u fl-applikazzjoni taghhom (ez. minn ufficjali pubblici), l-Artikolu 14 jiggarantixxi biss mid-diskriminazzjoni "it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati [fil-] Konvenzjoni". Dritt jew liberta` li ma jaqax jew ma taqax ragjonevolment b'xi mod fl-ambitu ta' xi wiehed mill-Artikoli 2 sa 13 tal-

Konvenzjoni ma jistax ikun is-suggett ta' tutela taht l-Artikolu 14. Kif intqal mill-Qorti Ewropea tat-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali***,

*"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous –, there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter."*[5]

U l-awturi van Dijk u van Hoof jikkumentaw hekk proprju dwar din is-silta:

*"This formula makes clear that Article 14 is not independent in the sense that there has to be at least some kind of relation with the rights and freedoms of the Convention; differential treatment in a field which falls outside the scope of the Convention cannot amount to a violation of Article 14."*[6]

Issa, huwa car li dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent huwa l-fatt li hu ma jikkwalifikax ghac-cittadinanza Maltija (bid-drittijiet l-ohra kollha li jmorru ma' tali cittadinanza) (ara l-paragrafu numru 2 tar-rikors promotur). Id-dritt ghac-cittadinanza, pero`, ma hu b'ebda mod kontemplat fil-Konvenzjoni. In fatti, b'referenza ghall-kaz ***Family K and W v. The Netherlands***[7] l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick jikkummentaw hekk:

*"…the Netherlands allowed the alien wives, but not husbands, of Dutch citizens to obtain Dutch nationality. Although the distinction was important in that a spouse who had Dutch nationality could not be separated from his or her family by expulsion, the Commission*

---

[5] Sentenza tat-28 ta' Mejju, 1985, A.94, p. 35.
[6] Van Dijk, P. u van Hoof, G.J.H., **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** Kluwer Law International (The Hague), 1998, p. 715.
[7] 43 DR 216 (1985).

*held that Article 14 did not apply because the case concerned the right to nationality, which was not a Convention right."*[8]

Ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li ma jistax jinghad li l-Artikolu 3(2) tal-Kap. 188 wahdu, jew meta moqri flimkien jew imqabbel ma' l-Artikolu 5(2), jivvjola b'xi mod l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

It-tieni differenza bejn l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni hi fir-rigward tar-"ragunijiet" ghat-trattament differenti (ossia diskriminatorju). Filwaqt li fl-Artikolu 14 il-"gounds of discrimination" hemhekk imsemmija ma humiex ezawrienti[9], ghall-finijiet ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni id-diskriminazzjoni trid tkun dovuta specifikatament ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fis-subartikolu (3), cioe` razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, ecc. Fi kliem iehor, u ghall-finijiet tal-kawza odjerna, irid jirrizulta li d-disposizzjonijiet li qed jigu mpunjati – l-Artikoli 3(2) u 5(2) tal-Kap. 188 – jitrattaw persuna ta' razza partikolari mod izda persuna ta' razza ohra b'mod differenti, jew jitrattaw persuna li gejja minn tali pajjiz jew tali regjun tad-dinja mod u persuna gejja minn pajjiz iehor jew minn regjun iehor b'mod differenti, u hekk ghall-"grounds of discrimination" l-ohra msemmija fis-subartikolu (3). Issa, kif gie spjegat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, l-Artikolu 3(2) jirreferi ghal <u>kull min twieled barra minn Malta</u> qabel il-21 ta' Settembru, 1964, mentri l-Artikolu 5(2) jirreferi ghal <u>kull min twieled barra minn Malta</u>[10] fi jew wara l-21 ta' Settembru, 1964 (b'suddivizjoni ohra bbazata fuq id-dati 31/7/1989 u 1/8/1989). It-trattament differenti ossia diskriminatorju bbazat <u>fuq id-data tat-twelid ta' persuna</u> ma jammontax ghal diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 45(3) proprju ghax id-data tat-twelid ma hix wahda mill-"grounds of discrmination" imsemmija f'dan is-subartikolu (3). L-

---

[8] Harris, D.J., O'Boyle, M., u Warbrick, C., **<u>Law of the European Convention on Human Rights</u>** Butterworths (London), 1995, p. 466. Dawn l-awturi jikkuntrastaw dan il-kaz mal-kaz, diga msemmi ta' ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. U.K.*** fejn il-kwistjoni kienet it-trattament differenti ghal dak li hu rispett ghall-hajja familjari u fejn allura kien jidhol fix-xena l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

[9] *"As appears from the words "on any grounds such as" (*"ou toute autre situation") *the enumeration of grounds for a difference in treatment which constitute discrimination is not exhaustive"* – van Dijk, P. u van Hoof G.J.H., *op. cit.* p. 730.

[10] Huwa veru li s-subartikolu (2), a differenza tas-subartikolu (1), tal-Artikolu 5 ma jibdiex bil-kelma "kull", izda fl-fehma ta' din il-Qorti din il-kelma hija mplicita fis-sens kollu ta' dan is-subartikolu.

Artkolu 3(2) (u hekk ukoll l-Artikolu 5(2)) ma jaghmel ebda distinzjoni bejn persuna u persuna ohra minhabba razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess. Persuna imwielda barra minn Malta u li hi ta' razza partikolari, ta' post ta' origini partikolari, ta' opinjonijiet politici partikolari, ta' kulur partikolari, ta' fidi partikolari jew ta' sess partikolari hija trattata mill-Artikolu 3(2) tal-Kap. 188 (kif ukoll mill-Artikolu 5(2) tal-istess Kap.) <u>ezatt bl-istess mod</u> bhal persuna mwielda barra minn Malta li hi ta' razza ohra, ta' post ta' origini iehor, ta' opinjonijiet politici ohra, ta' kulur iehor, ta' fidi ohra jew ta' sess iehor. Id-differenza fis-sess <u>tal-genitur</u> tal-persuna li tkun – fis-sens li s-subartikolu (3) tal-Artikolu 2 jirreferi ghall-<u>missier</u> izda mhux ghall-omm tal-persuna mwielda barra minn Malta qabel il-gurnata stabbilita – hi semplici kundizzjoni applikabbli <u>ghall-kull persuna, sia jekk mara u sia jekk ragel (u ghalhekk bla ebda distinzjoni jew diskriminazzjoni) li twieldet barra minn Malta qabel il-21 ta' Settembru, 1964</u>, u ghalhekk ma hemm ebda diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. L-abbili difensur tar-rikorrent, fil-kors tat-trattazzjoni tieghu, ghamel referenza ghall-kaz ***Paul u Evelyn konjugi Stoner v. L-Onorevoli Prim Ministru et.*** deciz finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar, 1996. Din il-Qorti ezaminat is-sentenza in kwistjoni, pero` hi tal-fehma li dak li gie deciz f'dik is-sentenza ma jista' jkun ta' ebda ghajnuna lir-rikorrent fil-kaz odjern. Il-kaz ta' ***Stoner*** kien wiehed car fejn il-ligi kienet qed titratta 'l-mara u lir-ragel b'mod differenti <u>proprju minhabba s-sess taghhom</u> – ara l-Artikolu 44(4)(c) tal-Kostituzzjoni kif kien <u>qabel</u> l-emenda introdotta bl-Att XIII tas-sena 2001, li kien jibda bil-kliem "li tkun il-mara…", espressjoni li issa giet mibdula u taqra "li tkun il-konjugi…" proprju biex tigi eliminata d-diskriminazzjoni a bazi tas-sess. <u>F'dak il-kaz</u> kien proprju ghax il-ligi kienet tiddistingwi bejn Malti li jizzewweg mara barranija u Maltija li tizzewweg ragel barrani, bil-konsegwenti differenza ghal dak li hu "freedom of movement", li gie deciz li kien hemm diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u li ghalhekk il-paragrafu (c) tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni kien jikser id-drittijiet fondamentali tal-bniedem[11]. Fil-kaz odjern, kif inghad, is-sitwazzjoni hija ferm differenti.

---

[11] Wiehed mill-abbili difensuri ta' l-intimati, l-Avukat Generali Dott. Anthony Borg Barthet, meta deher fl-

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tara li la l-Artikolu 3(2) tal-Kap. 188 u lanqas l-Artikolu 5(2) ta' dik l-istess ligi ma jilledu id-dirittijiet u libertajiet fondamentali tar-rikorrent kif protetti bl-Artikoli 36(1), 44(1) u 45(1)(2)(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikoli 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Konsegwentement tirrespingi t-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

VINCENT DEGAETANO
IMHALLEF

Paul Miruzzi
Dep. Registratur

udjenza tal-21 ta' Gunju, 2001, qajjem il-kwistjoni ta' kemm hu possibbli li disposizzjoni fil-kostituzzjoni u addirittura fil-Kapitolu IV taghha li jitratta id-"Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu" tikser l-istess Kostituzzjoni u senjatament disposizzjoni ohra fl-istess Kapitolu IV. Dan il-punt tqanqal ukoll fir-risposta ta' l-intimati. Din il-Qorti, pero`, ma tarax li ghall-finijiet tal-kawza odjerna ghandha ghalfejn tidhol f'din il-kwistjoni u tiddetermina dana l-punt.